146 firmatarji

Kamra tad-Deputati
Mgħoddija mill-Ispeaker
6/6/2023

Lill-Kumitat Permanenti dwar il-Petizzjonijiet, il-Parlament ta' Malta.

30/05/2023

**Introduzzjoni għall-Petizzjoni:**

L-Onorevoli Justin Schembri MP, Kelliem tal-Oppożizzjoni għall-Edukazzjoni u s-Snajja' jikteb f'isem il-ġenituri, in-nanniet, il-kustodji, u l-edukaturi jew membri tal-istaff hawn taħt iffirmati u li għandhom lil uliedhom, lin-neputijiet, lit-tfal taħt il-kustodja tagħhom jew li jagħtu servizz fl-iskola primarja ta' f'Ħal Lija, parti mill-Kulleġġ Santa Tereża biex titressaq talba lill-Kumitat Permanenti dwar il-Petizzjonijiet.

**Il-Fatti li jwasslu għal din il-Petizzjoni:**

Il-firmatarji hawnhekk sottoskritti qegħdin iressqu din il-petizzjoni quddiem il-Kumitat Permanenti dwar il-Petizzjonijiet fil-Parlament ta' Malta kontra applikazzjoni għall-iżvilupp bin-numru PA/00973/23 (Proposal for a new, bulk LPG storage facility) quddiem l-iskola primarja ta' Ħal Lija parti mill-Kulleġġ Santa Tereża. Il-firmatarji hawnhekk isostnu li dan il-permess m'għandux jinħareġ la darba din il-ħażna tal-gass daqstant qrib ta' skola jista' jkollha effetti negattivi għas-saħħa u s-sigurtà tat-tfal, primarjament, u dawk kollha li jaħdmu fl-iskola hawn fuq referita.

**Azzjoni:**

Għalhekk, f'din il-petizzjoni l-firmatarji, jippetizzjonaw biex din l-applikazzjoni tkun irtirata.

L-Onorevoli Justin Schembri, MP